MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Numru. 432/2007

**IL-PULIZIJA
SPEETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**RUEBEN HENRY BUONTEMPO ta' 37, iben Mario Paul u Dorothy nee' Moran, imwieled Attard nhar it-02.04.1973, residenti fil-fond Rose, Triq il-Mimosa, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 173 273M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **RUEBEN HENRY BUONTEMPO** li gie akkuzat talli:

1. Bejn is-snin 2003 u 2007 f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel tiwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-dannu ta' Fortuna Enterprises Ltd ai termini ta' l-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approrpja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mighu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detrimenet ta' Fortuna Enterprises Ltd, ai termini ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll li fi stadju ta' interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ghall-akkuzi lilu addebitati.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li hemm htija u cioe':
L-Artikoli 308, 309, 293, 294, u konsegwentement l-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' nhar is-06.10.2009 l-imputat, moqrija l-Artikoli, ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet mibdija permezz ta' kwerela mibghuta minn Fortuna Enterprise Ltd, minn Mark u John Cassola, f'isem l-istess socjeta', dwar kreditu dovut mis-socjeta'

Dram Co Ltd, rapprezentata minn Rueben Buontempo (l-imputat) u huh Pierre Buontempo.

Gew ezebiti fil-fatt fil-kors tax-xhieda tieghu minn John Cassola diversi ezebiti li juru l-andament tal-lanjanza tal-parte leza versu l-imputat.

Ghalhekk John Cassola xehed dwar ammont ta’ karti li kien biegh lis-socjeta’ Dram bhala socjeta’ Fortuna, fi kliemu lill-imputat Rueben Buontempo. Fil-bidu Buontempo beda jhallas b’mod regolari, pero maz-zmien skond Cassola, is-socjeta’ Dram ma baqghetx thallas. Ghalhekk saret l-ewwel kawza kontra Buontempo, in rapprezentanza tas-socjeta’ Dram. Saret transazzjoni barra mill-Qorti, tnehhew il-mandati, thallas ghalhekk mis-socjeta’ kreditrici parti mill-bilanc dovut. Pero l-hlas rega’ waqaf minn naha tas-socjeta’ Dram. Fortuna Enterprise regghet allura procediet bi proceduri legali. regghet saret transazzjoni ohra li regghet wasslet ghall-irtirar ta’ dawn il-proceduri. Anke hawn allura sar ftehim iehor ta’ hlas, konsegwenza ta’ liema nharget anke garanzija bankarja mis-socjeta’ Dram verso s-socjeta’ Fortuna (Dok JC 3 folio 33).

Xehed ukoll John Cassola li ad insaputa tieghu l-istess garanzija giet ikkancellata. Xehed li regghu ltaqghu biex jigu kkancellati l-proceduri legali – hawn inqala’ l-incident li tista’ tghid huwa fil-fatt il-krux ta’ dawn il-proceduri – Reuben Buontempo offra a saldu ta’ parti mill-kreditu dovut lil John Cassola cheque ta’ Lm7,600.00. Cassola allura Fortuna Enterprise, accettaw dan ic-cheque. Hawn, ircevut dan ic-cheque regghu gew ikkancellati l-proceduri minn naha ta’ Fortuna Enterprise. Xehed Cassola li pero dan ic-cheque ghalkemm gie depozitat, mar lura ghandhom b’nota ‘counter mandate’ – vide Dok JC 2 a folio 66 – 66. Qal li c-cheque sar post dated, fil-fatt datat 20 ta’ Novembru, 2005, biex b’hekk hu jilhaq jikkancella l-kawza. Xehed illi dan ic-cheque rcevieh minghand Rueben Buontempo l-imputat. Xehed illi fi kliem Valerio Debono - impjegat tal-bank, dan ic-cheque kien gie mizmum fuq direttivi tad-diretturi ta’ Dram Company Ltd. Dan pero x’qallu dejjem il-manager mitkellem.

Gew fil-fatt ezebiti diversi statements mahruga mill-BOV li juru li l-kont li minnu nhareg ic-cheque imsemmi kien dejjem ‘in the red’. Ghalhekk fil-verita’ meta nhareg ic-cheque imsemmi, certament l-overdraft kien overdrawn b’ammont sostanzjali.

Senjalament xehed certu Anthony Scicluna in rapprezentanza tal-Bank of Valletta. Dwar ic-cheque in kwistjoni Dok JC 2 a folio 21, xehed li dan kien cheque li ma giex onorat mill-bank u mmarkat ‘payment counter mandate’. Spjega li din kienet pratika bankarja meta cheque jew ikun insteraq jew mitluf, jew inkella kkancellat. Spjega li f’dan il-kaz dan ic-cheque gie kkancellat stante li l-kumpanija Dram ma kellhiex sufficient funds fil-kont biex tohrog dak ic-cheque. Spjega wkoll illi kienet pratika bankarja li jekk kumpanija tohrog il-flus meta ma jkollhiex bizzejjed fil-fond, il-bank jaghlaq l-istess kont.

Spjega li meta jigri dan, il-procedura kienet li l-ewwel il-bank jinforma lill-klijent tieghu li kellu jieqaf johrog ic-cheques stante li ma kellux flus fil-kont. Ix-xhud ma kienx jaf jispjega jekk f’dan il-kaz Buontempo kienx fil-fatt gie avzat mill-bank dwar l-gheluq tal-kont.

Valerio Debono, ukoll rapprezentant tal-Bank of Valletta, ukoll xehed fuq ic-cheque bin-numru 982. Spjega li dan ic-cheque kien gie prezentat minn Formosa pero dan ma kienx gie msarraf. Spjega li meta gie prezentat ic-cheque il-bank, il-klijent kien waqaflu l-kont - dan ghaliex meta nhareg ic-cheque il-klijent ma kellux funds available. Xehed fuq ittra li l-bank baghat lill-klijent, Dok VD 1 a folio 221, datat 12.04.2005. Din l-ittra fil-fatt turi bic-car illi c-cheque in kwistjoni kien gie payment counter mandate mic-Cheque Verification Unit, stante li l-klijent kien qed johrog cheques meta ma kellux fondi biex ikopriehom. Ghalhekk spjega Debono li fil-fatt il-kont gie mwaqqaf mill-Bank. Qal illi dik l-ittra kitibha hu stess fuq struzzjonijiet ta’ l-istess imputat. Qal ukoll ix-xhud illi fil-fatt meta gie prezentat ic-cheque, il-kont kien maghluq u li c-cheque book gia’ kien deleted.

Ikkunsidrat:

Illi l-abbli Avukat Difensur ghamel trattazzjoni bbazata fuq dak li hu l-element sine qua non biex jigi kostitwit ir-reat ta' truffa addebitat lil Rueben Buontempo – dak tal-qerq liema qerq huwa suggett ghal dik il-messa in scena li tinduci ghall-ingann.

Antolisei dwar dan il-fatt jghid hekk:
*'Nucleo essensziale del delitto in parole e' l inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, posittivo o negative, che importa una dimunizione del suo patremonio con profitto del agente o di altri'* (pg 336) ghalhekk jitkellem fuq '*il consenso dello vittime carpito fraudolente'* (ibid)

Huwa ghalhekk dak il-kunsens li jrid ikun suggett ghal dawk ir-raggiri u artifizi ghal dik il-messa in scena, li jinduci l-ingann bil-konsegwenza tal-profitt ghall-agent jew terz.

Issa kjarament mix-xhieda ta' Cassola rrizulta ben car illi verament Buontempo kull darba li kellu proceduri legali mibdija kontra tieghu, dejjem uza l-wieghda tat-transazzjoni biex b'hekk kull darba kkonvinca lill-kredituri Cassola jwaqqfu kull procedura mibdija. Vera wkoll darba mwaqqfa l-proceduri, fallew mill-ftehim tal-hlas. Jirrizulta wkoll illi kien f'dan l-isfond li Rueben Buontempo hareg ic-cheque in kwistjoni. Tant hu hekk illi l-istess Buontempo fl-istqarrija minnu rilaxxata (Dok RHB folio 13 – 16), ammetta li kellu d-djun ma' Fortuna Ltd fuq karti mixtrija. Ammetta li hu ma kienx qed jaghmel il-pagamenti dovuti kif ukoll illi kienu tnehhew is-sekwestri biex huwa jkun jista' jaffettwa l-hlas. Qal illi appena pero rega' ma hallasx lil Cassola, dan rega' ghamillu mandat iehor. Dwar il-fatt li Cassola rega' ghamel kontro mandat fuq is-sekwestru meta Buontempo tah ic-cheque in kwistjoni, qal illi kien l-istess Cassola li talbu dan ic-cheque, fil-waqt illi Buontempo fakkru li ma setax jaghmel cheque minhabba s-sekwestru. Qal ukoll illi kien Cassola li talbu jaghmel ic-cheque post dated. Buontempo qal ukoll illi hu kellu jigbor il-flus minghand klijenti stante li flus f'idu ma kellux.

Ammetta li c-cheque ma setax jissarraf ghax ma kienx lahaq gabar il-flus, allura flus fil-kont relattiv ma kienx hemm. Qal illi flus ma kienx hemm u li malli c-cheque wasal il-bank, Valerio Debono ghalaqlu l-kont.

Ikkunsidrat:

Illi certament hemm hafna qbil bejn dak illi qal Cassola u dak li stqarr l-imputat. Ammetta Buontempo li dan ic-cheque hargu biex bil-wieghda tal-hlas Cassola jerga' jaghmel kontro mandat iehor.

**Pero** minn imkien ma jirrizulta li Buontempo krea dik il-messa in scena daqstant necessarja ghall-kostituzzjoni tar-reat in dezamina biex jinduci lil Cassola f'dan l-ingann. Tant illi lanqas per parentesi ma tinstab ebda prova fil-process li almenu Buontempo kien jaf bil-fatt illi l-bank kien ser iwaqqaflu c-cheques mahruga fuq il-kont in kwistjoni.

Fil-fatt jidher u jirrizulta li tali decizjoni kienet wahda deskrizzjonali u arbitrarja minn naha tal-bank. Fil-fatt l-unika prova li hemm f'dan ir-rigward hija ittra li Valerio Debono baghat lil Buontempo xhur wara li nhareg ic-cheque in kwistjoni. Ghalhekk anke jekk kif zgur inhu l-kaz, Cassola ghal darba ohra rega' nehha l-mandat ta' sekwestru biex jircievi hlas minghand Buontempo, ma jirrizultax li Buontempo krea dik il-messa in scena li nduciet lil Cassola ghal xi ingann. Ghaldaqstant, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, certament dan ir-reat ta' truffa zgur li ma giex pruvat u ghaldaqstant Rueben Buomtempo ghandu jigi liberat mill-effetti ta' l-istess, u cioe' mill-effetti tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rueben Buontempo, gie anke addebitat bir-reati taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' ta' misappproprijazzjoni ndebita. Ftit ghandha xi tghid il-Qorti f'dan ir-rigward. L-Artikolu 293 jitkellem kif ghandu jigi kostitwit dan ir-reat u cioe' jimplika li l-oggett suggett tar-reat - il-karti allura f'dan il-kaz, ikunu ghaddew ghand l-agent - l-imputat fil-kaz taghna, taht obbligu ta' radd lura

jew ta’ uzu specifiku taghhom. Certament it-transazzjoni ta’ bejgh li saret bejn Fortuna Enterprise Ltd u Dram Ltd ma kinitx wahda ta’ tali natura, lanqas jekk l-istess imputat fl-istqarrija tieghu qal illi hu ried jaghti lura l-karti (merce) lis-socjeta’ kreditrici, fatt dan rifjutat mill-istess socjeta’. Fi kwalunkwe kaz it-transazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda semplici ta’ bejgh li ma kinitx tkopri ebda element taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghaldaqstant dan ir-reat zgur li ma jistax jirrizulta tant li Reuben Buntempo qed jigi liberat anke mill-effetti kollha tieghu.

In kwantu dak premess, ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tillibera lil Rueben Buontempo mir-reati kollha lilu addebitati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------